**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR49/VIII/2023**

**Il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppressjeda l-laqgħa.

**49.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**49.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**49.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 48 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

49.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

49.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għat-tismija ta' toroq ġodda mal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq – Għawdex. It-toroq huma Triq Fra Baskal Farrugia, li tmiss ma' Triq Sagħtar u Triq Suor Marċellina Tabone, li tmiss ma' Triq il-Mitħna.

49.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li t-talba tal-Kunsill għall-Skema ta' Finanzjamenti – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati ġiet aċċettata, pero' l-massimu tal-fondi allokati ser ikunu ta' Eur 8,958.75 (VAT inkluża). Il-Kunsill qabel li jonfoq dawn il-fondi u ma jżidx iktar peress li t-talba oriġinali kienet ta' €14,242.84 u jibda bil-postijiet li huma l-aktar sensittivi. Il-lista ta' prijorita hi hekk,:-

- Triq Palma, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia u Triq Agius de Soldanis,
- *Bus Terminus*
- Triq Repubblika
- Pjazza San Frangisk
- Triq Vajrinġa.

Il-membri qablu li l-Enġinier li ħejja l-pjanti u l-istimi jagħmel eżerċizzju fejn jindika b'dawn il-fondi approvati kemm jistgħu isiru CCTVs minn din il-lista.

49.4.3 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li fl-14 ta' Novembru, 2023 ser issir laqgħa fil-bini tal-Parlament rigward l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali Ewropea. Flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, ser jattendu wkoll il-President tar-Reġjun ta' Għawdex u l-impjegati tiegħu. Sadanittant, Reġjun Għawdex issottometta il-*Bid Book* sabiex Għawdex jiġi kkunsidrat bħala *European Region of Gastronomy 2026.*

49.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda għall-laqgħa onlajn rigward PC/00050/17 *site at* 'Ta' Karawendi' nhar l-10 t'Ottubru 2023. Il-Perit tal-Kunsill attenda wkoll. Is-Sindku qal li mill-Awtorita' tal-Ippjanar ġie deċiż li l-binja mhux ser titwaqqa u t-triq proposta ser tkun bl-aċċess minn Triq l-Ewropa. Għandhom jitressqu pjanti oħra minn naħa tal-applikant. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jitlob id-devoluzzjoni ta' din id-dar li hija propjeta' tal-Gvern. Il-membri qablu.

49.4.5 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li l-Kunsill jirrapporta ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward ta' għelieqi fl-abitat li mhux mibnija u mhumiex magħluqa b'ħajt kif suppost. Qed ikun hemm abbuż fihom, peress li qed jinxteħet kull tip ta' skart. Is-Sindku semma siti fi Triq Ġorġ Borg Olivier u fi Triq il-Mitħna. Il-membri qablu.

49.4.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntrattur li għamel il-fanali fiċ-ċentru tar-Rabat, talab li jiltaqa mal-Kunsill bil-għan li tinstab soluzzjoni rigward in-nuqqas ta' pagament li kellu jinħareġ mid-Develoment Planning Fund fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, relatat mal-

proġett '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo*.' LCF/16/2020. Il-membri qablu li dan għandu jiġi fil-laqgħa li jmiss.

49.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex, ser jitkompla x-xogħol tat-Triq ta' wara s-Sur, kantuniera ma' Triq Wied is-Seqer. Din il-parti ser tagħmel xi żmien magħluqa.

**49.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

49.5.1 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex rigward opportunita ta' proġett relatat ma' proposti fuq mobilita sostenibli fil-lokalitajiet. Dan il-proġett hu finanzjat minn EIT Climate-KIC u qed tieħu ħsiebu l-Gozo Regional Development Authority;

49.5.2 l-Uffiċjal Legali fi ħdan id-Diviżjoni għal Gvern Lokali fejn staqsiet jekk il-Kunsill għandux Data Protection Officer. Il-Kunsill għandu jinfurmaha li m'għandux DPO;

49.5.3 id-Direttorat għall-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn intalbu dettalji rigward Wirt Intanġibbli;

49.5.4 il-Corporate Services Directorate fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali rigward il-Malta National Transport Awards;

49.5.5 il-Pulizija rigward it-tfigħ ta' boroż ta' skart fuq il-bankina tal-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca. Dawn kienu qed jintefgħu hemm temporanjament mill-ħaddiema tal-ġbir tal-iskart domestiku. Il-kuntrattur ġie nfurmat sabiex dan l-aġir ma jirrepetix ruħu.

49.5.6 l-S.K.Victoria Wanderers fejn reġgħu talbu lill-Kunsill sabiex jgħarraf lill-Awtorita' tal-Artijiet fejn jinfurmahom li fil-laqgħa KLR 39/VIII (30.11.22) il-Kunsill kien qabel illi l-art ta' biswit is-sit fejn ser jinbena l-klabb tal-futbol tiġi devoluta lill-S.K. Victoria Wanderers;

49.5.7 mingħand residenta fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fejn talbet jekk il-bozoz tal-fanal ta' biswit id-dar tagħha inbidlux, dan minħabba l-fatt li l-footage tas-CCTVs personali tagħha mhux qed tkun ċara, peress li d-dawl tal-fanal hu qawwi wisq. Is-Sinjura għandha tiġi nfurmata li d-dawl ma nbidilx.

49.5.8 'Ogygia Folk Group' fejn bgħatu korrispondenza bl-informazzjoni u dettalji dwar dan il-grupp folkloristiku ġdid;

49.5.9 il-Perit rigward konkos li sar illegalment quddiem 'Vassallo Jewellery' fi Pjazza Indipendenza. Il-Perit qal li dan qed ifixkel milli l-ilma tax-xita u tal-ħasil jgħaddi mill-*open gutter*. Il-Perit għandu jerġa jara jekk il-gutter tat-tarf ta' Triq San Ġużepp hux miftuħ biex jilqa l-ilma.

49.5.10 Il-Viċi Sindku qal li wara ż-żjara li saret f'Nichelino, f'Ottubru il għadda, u tkellem mal-persuna li tieħu ħsieb il-klabb tal-futbol Nichelino Hisperia. Qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jgħin biex jieħu tfal miż-żewġ *nursuries* tar-Rabat. Tenna li idejalment jitilgħu żewġ timijiet U11 fil-vaganzi tal-Għid 2024. Qal li qed jistenna risposta minn naħa tal-Oratory

Youths F.C. L-S.K.Victoria Wanderers huma nteressati. Azzopardi qal li hemm ċans ukoll li f'Ġunju jiġi tim minn Nichelino.

49.5.11 Il-membru Ħili ssuġġerixxa li l-Kunsill isemmi xi triq għall-ġemellaġġ ta' Nichelino. Is-Sindku qal li l-*area* tal-*playing field* taċ-Ċawla H.E. kienet tissejjaħ Żona Nichelino.

**49.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

49.6.1 *one metre double yellow lines* biswit garaxx fi Triq Wistin Camilleri;

49.6.2 *one metre double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Il-Qolla', Triq Santa Dminka;

49.6.3 *no right turn* faċċata tal-garaxx tal-Arkadia u *one meter double yellow line* ma l-istess garaxx fi Triq Karlu Galea;

49.6.4 *double yellow lines* quddiem Lunzjata Court fi Triq Dun Pawl Micallef;

49.6.5 *traffic management* qrib it-*tower crane* li hemm fi Triq Fortunato Mizzi kantuniera ma' Triq l-Universitas.

49.6.6 TM resqet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 'Nivanoh', Triq Fortunato Mizzi. Għandha timtela l-applikazzjoni rikjesta.

Intalab il-permess ta' TM :-

49.6.7 għall-*un/laoding bay* quddiem 'ElektroPolis' fi Triq Kerċem;

49.6.8 sabiex l-*un/laoding bay* li hemm quddiem il-ħanut l-antik 'Office Club' titmexxa għall-quddiem il-ħanut il-ġdid fi Triq it-Tabib Anton Tabone.

49.6.9 TM m'approvatx il-proposta li parkeġġi fil-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika iservu bħala *un/laoding bays* għall-ħwienet ta' Pjazza Indipendenza. Dan peress li l-bankini huma dojoq u mhumiex adegwati biex tinġarr merkanzija bl-idejn fuqhom. Barra minn hekk, fi Pjazza Indipedenza diġa' hemm *area* għall-*un/loading*. TM tal-opinjoni li l-Kunsill jesiġi għal aktar infurzar biex jiġu osservati kif suppost it-tabelli ta' din il-Pjazza.

49.6.10 Dwar il-*one way* fi Triq Sir Luigi Camilleri, TM issuġġeriet li l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti qabel tittieħed deċiżjoni. Il-membri qablu li tintbgħat nota lir-residenti bil-proposta tal-Kunsill, biex dawn jagħtu l-veduti tagħhom. Dan kif dejjem sar meta jkun hemm proposta li triq tiġi *one way* għat-traffiku.

49.6.11 Il-membri qablu li jiġu rrappurtati lill-TM żewġ rampi li saru illegalment quddiem 'Maypole' fi Pjazza J. F. Kennedy u quddiem sit li qed jinbena fi Pjazza l-Assedju t' Għawdex.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

---

**49.7 *Performance Bonus***

49.7.1 Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performance bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill.

49.7.2 Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-*item* s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

49.7.3 Il-membru Tabone ħareġ mill-kamra waqt li kien qed jiġi diskuss il-*performance bonus* tal-Assistant Principal Farrugia.

**49.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

49.8.1 Ma tressqux kontijiet peress li l-allokazzjoni ta' l-aħħar kwart għadha ma daħlitx.

**49.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

49.9.1 issir bozza ġdida ma' 'St. George's Court', Flat 1, fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

49.9.2 issir bozza ġdida ma' 3, Triq Mro. Dirjano Lanzon;

49.9.3 titranġa l-bankina fil-kantuniea ta' Triq Ġorġ Borg Olivier ma' Triq Ninu Cremona;

49.9.4 titranġa r-rampa ta' entratura għall-garaxxijiet f'taċ-Ċawla H.E.;

49.9.5 jintalbu kwotazzjonijiet sabiex tinbidel in-*nest swing* tal-*playing field* ta' taħt Putirjal;

49.9.6 jiġi organizzat Kunċert tal-Milied bl-isem 'Strings for Christmastide' nhar it-Tlieta, 26 ta' Diċembru, 2023, fil-Knisja ta' San Franġisk;

49.9.7 tiġi organizzata serata Korali u Letterarja fil-Katidral dwar Anton F. Attard. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €500;

49.9.8 il-Kunsill jixtri t-trofej għall-Festival tal-Kant, 'KantaMagħna' li se jsir fl-20 ta' Jannar 2023 ġewwa it-Teatru Astra.

49.9.9 billi l-fondi mill-proġett WiFi4EU spiċċaw, il-linji tal-wifi li bbenefikaw minn dan il-proġett, għandhom jitwaqfu.

**49.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

49.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |